**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 507/2023**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**
**vs**
**-omissis-**
**-omissis-**
**-omissis-**
**AB**

**Illum 5 ta' Lulju, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

-omissis-

-omissis-

-omissis-

AB

F'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkuzat talli bejn il-lejl tal-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxin (2023) u matul il-gurnata tat-tnejn (2) ta'

Lulju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) f'Haz-Zebbug u f'Tas-Sliema u/jew f'diversi bnadi gewwa dawn il-Gzejjer, f'hinijiet differenti, b'diverso atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda talli:

-omissis-

> Fl-istess dati, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ipprova kkaguna hsara fil-gisem u fis-sahha ta' persun ohra u cioe` ipprova jikkawza offiza ta' natura gravi fuq il-persun ta' CD, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew independenti mill-volonta` tal-hati
> (Art 41; 214, 215, 216 tal-Kapital 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat it-talba sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawza u f'kaz ta' htija ai termini tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta favur tal-vittmi;

Rat ukoll it-talba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna li s-sentenza tigi registrata ai termini tal-Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Semghet l-ammissjoni cara u inekwivoka tal-imputat.

**Decide:**

**Ghal dawn ir-ragunijiet, u wara li rat l-Artikolu 41, 214, 215 u 216 tal-Kap9 tal-Ligijiet ta' Malta u in vista tal-ammissjoni tal-imputat AB qed issibu hati tal-akkuza kif dedotta kontrih;**

**Tiehu in konsiderazzjoni l- kongunta bejn il-partijiet li l-imputati hati AB ma jinghatax piena karcerarja effettiva kif ukoll l-eta` tal-hati stante li huwa minuri u l-ammissjoni bikrija tal-hati AB;**

**Tikkundannah ghal piena ta' sena (1) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn mil-lum u tapplika l-Artikolu 328A tal-Kap. 9 u timponi Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-hati, fejn il-persuni protetti huma dawk ta' EF u CD ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.**

**Il-Qorti tordna d-divjet fuq isem l-imputat u l-allegati vittmi stante l-eta` taghhom.**

**Il-Qorti spjegat lill-ħati AB il-portata ta' din is-sentenza ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Finalmet, tordna illi kopja skenjata tal-atti u dan ai termini tal-Artikolu 392(A) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tigi trasmessa lill-Avukat Generali fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Registratur**